



Ċirkolazzjoni libera ta' dokumenti pubbliċi: Il-Kunsill jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mal-PE

Fil-21 ta' Ottubru 2015, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) approva pakkett ta' kompromess li ntlaħaq qbil dwaru mal-Parlament Ewropew rigward regolament li ser jiffaċilita l-moviment liberu ta' ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-UE.

Dan ir-regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri għall-preżentazzjoni transkonfinali ta' dokumenti pubbliċi relatati ma' kwistjonijiet tal-istat ċivili, bħat-twelid, il-mewt, iż-żwieġ u s-sħubija reġistrata, u dokumenti pubbliċi li jiċċertifikaw l-assenza ta' rekord kriminali. Ir-regolament ikopri wkoll dokumenti pubbliċi li ċittadini tal-UE jistgħu jintalbu jippreżentaw meta jixtiequ jivvutaw u/jew joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew jew fl-elezzjonijiet muniċipali.

Ir-regolament ser jevita l-ħtieġa għal legalizzazzjoni jew formalitajiet oħra, u b'hekk jikkontribwixxi direttament għall-ħolqien ta' Ewropa għaċ-ċittadini.

"Ninsab kuntent ħafna li l-Coreper illum ikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Presidenza Lussemburġiża mal-Parlament Ewropew. Ninsab konvint mill-valur miżjud ta' dan l-istrument u l-benefiċċji tiegħu għal kulħadd. Dan ser ikollu impatt partikolarment importanti fuq dawk iċ-ċittadini li huma affettwati minn kwistjonijiet transkonfinali u ser itejjeb b'mod sinifikanti l-ħajja tagħhom ta' kuljum", qal Félix Braz, il-Ministru għall-Ġustizzja tal-Lussemburgu u l-President tal-Kunsill.

Il-passi li jmiss

Wara l-approvazzjoni tal-pakkett ta' kompromess mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew fit-12 ta' Novembru 2015, it-testi legali ser jerġgħu lura għand il-Kunsill f'Diċembru 2015 għal ftehim politiku, segwit mir-reviżjoni tas-soltu mill-ġuristi-lingwisti qabel l-adozzjoni formali tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

Imbagħad, it-testi ser jiġu ppreżentati għal vot fit-tieni qari f'sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew.

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press